

21999D0174

1.3.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 61/35

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 174/1999

tas-26 ta' Novembru 1999

li temenda l-Protokoll 47 għall-Ftehim taż-ŻEE dwar l-abolizzjoni ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ fl-inbid

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Protokoll 47 għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 73/1999 tat-28 ta' Mejju 1999 ⁽¹⁾.
- (2) R-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2770/98 tal-21 ta' Diċembru 1998 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3201/90 li jistabbilixxi regoli dettaljati għad-deskrizzjoni u għall-preżentazzjoni ta' inbejjed u ta' għeneb magħsur ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 26 (Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3201/90) fl-Appendiċi I tal-Protokoll 47 għall-Ftehim:

“– **398 R 2770:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2770/98 tal-21 ta' Diċembru 1998 (ĠU L 346, tat-22.12.1998, p. 25).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2770/98 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-27 ta' Novembru 1999, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsimha taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Novembru 1999.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

N. v. LIECHTENSTEIN

⁽¹⁾ ĠU L 284, tad-9.11.2000, p. 63.

⁽²⁾ ĠU L 346, tat-22.12.1998, p. 25.